MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Talba Numru. 187/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Thomas Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-27 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mija u tnax-il lira u disghin centezmu (Lm112.90) lis-socjeta` attrici rapprezentanti kont li ghadu pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21490271 liema servizz kien gie installat fil-fond "Nanathon Flats", flat numru 3, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Balzan u dana kif jirrizulta minn dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta ghal kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema` lid-Dottoressa Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Innota li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dana l-kaz  billi jilqa` t-talbiet attrici w konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Thomas Schembri ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u tnax-il lira u disghin centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------